MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2005

Numru 218/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur A. Miruzzi)**

**Vs**
**Omissis**
Jason Spagnol

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :**
**1) fl-20 ta' Jannar, 2002, wara nofs inhar fil-bajja ta' San Tumas f'Wied il-Ghajn, zammew jew garrew arma tan-nar li kienet ikkargata, jew li kellha l-iskratac fil-magazine, jew barra l-ghata taghha f'post li mhux permess li ssir il-kacca. Dan bi ksur tar-Regolament 8 ta' l-A.L. 146 ta' 1993 – Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Harsien ta' l-Ghasafar u tal-Fenek selvagg;**

**2) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaccjaw jew ippruvaw jikkaccjaw minn fuq il-bahar, hadu jew ippruvaw jiehdu minn fuq il-bahar, xi ghasfur li mhux imsemmi fl-Skeda III li tinsab mar-Regolamenti ta' l-A.L. 146 ta' l-1993 u dan bi ksur tar-Regolament 9(2)(a) ta' l-A.L. 146 ta' l-1993;**
**3) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kkaccjaw jew ippruvaw jikkaccjaw minn fuq il-bahar b'kull mod ghasafar f'distanza ta' inqas minn tliet kilometri mill-kosta. Dan bi ksur tar-Regolament 9(2)(b) ta' l-A.L. 146 ta' 1993;**
**4) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi garrew fuq il-bahar filwaqt li kienu inqas minn tliet kilometri mill-kosta, arma tan-nar li kella licenzja ghall-kacca li kienet ikkargata, jew bl-iskratac fil-magazine jew li kienet barra mill-ghata taghha. Dan bi ksur tar-Regolament 9(2)(c) ta' A.L. 146 ta' 1993;**
**5) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellhom fil-pussess taghhom waqt li kienu fuq xi opra tal-bahar, xi ghasfur haj jew mejjet jew xi parti minn ghasfur, li mhux imsemmi fl-Iskeda III li tinsab mar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Harsien ta' Ghasafar u tal-Fenek Selvagg. Dan bi ksur tar-Regolament 9(2)(f) ta' l-A.L. 146 ta' l-1993;**
**6) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellhom fil-pussess taghhom xi ghasfur, haj jew mejjet jew parti minn ghasfur, li ma hux ghasfur inkluz fl-Iskedi I, II jew III li jinsabu mar-Regolamenti ta' 1993 dwar il-Harsien ta' l-Ghasafar u l-Fenek Selvagg. Dan bi ksur tar-Regolament 12 (1) tal-A.L. 146 ta' l-1993;**
**7) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ezebew, impurtaw jew garrew, jew offrew ghal bejgh, jew kellhom fil-pussess taghhom ghasfur haj jew mejjet jew parti ta' xi ghasfur li mhux imsemmi fl-Iskedi I, II jew III tar-regolamenti ta' l-1993 dwar il-Harsien ta' l-Ghasafar u l-Fenek Selvagg, kemm il-darba ma ppruvawx li dak l-ghasfur kien importat b'mod legittimu jew li kien imrobbi fil-maghluq. Dan bi ksur tar-Regolament 12(2) ta' l-A.L. 146 ta' l-1993;**
**8) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ftehmu, ppruvaw jew ghinu, hajjru, taw parir jew qabbdu xi persuna ohra biex tikser id-dispozizzjonijiet tar-**

**Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Harsien tal-Ghasafar u l-Fenek Selvagg jew naqsu milli jikkonformaw ma' xi wiehed minn dawn id-dispozizzjonijiet (inkluzi xi ordni legittima moghtija bis-sahha ta' xi dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti) jew kisru xi restrizzjonijiet, projbizzjonijiet jew htiega imposta minn dawn ir-regolamenti jew bis-sahha taghhom. Dan bi ksur tar-Regolament 25(1)(d) ta' l-A.L. 146 ta' l-1993;**

**9) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr licenzja tal-Pulizija sparaw armi tan-nar f'post abitat jew fil-qrib tieghu, jew fit-toroq pubblici, jew fil-portijiet. Dan bi ksur tal-Artikolu 24(2) tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**10) David Spagnol u Jason Spagnol wahedhom akkuzati ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaccjaw jew ippruvaw jikkaccjaw minn fuq opra tal-bahar meta ma kellhomx licenzja ghal dak l-iskop mill-Kummissarju tal-Pulizija. Dan bi ksur tar-Regolament 9(2)(e) ta' l-A.L. 146 ta' l-1993;**

**11) Jason Spagnol wahdu akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu, arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu. Dan bi ksur tal-Artikolu 3(1)(a) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**12) Jason Spagnol wahdu akkuzat talli kiser sentenza ta' 18 il-xahar habs li gew sospizi ghal 3 snin moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali mill-Mag. Dr. Noel Cuschieri datata 6 t'Ottubru, 2000, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.**

**13) Mario Spagnol wahdu akkuzat talli fil-21 ta' Jannar, 2002, f'Haz-Zabbar kellu ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom ma tidhirx fl-Iskeda I,II jew III li jinsabu mar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Harsien ta' l-Ghasafar u Fenek Selvagg li ma humiex registrati mad-Dipartiment ta' l-Harsien ta' l-Ambjent. Dan bi ksur ta' Regolament 17 ta' l-A.L. 146 ta' 1993 kif emendat A.L. 23 ta' l-1997;**

**14) Mario Spagnol wahdu akkuzat ukoll talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-magistrati (Malta)**

**datata 24 ta' Marzu, 1999, Mag. Dr. A. Micallef Trigona, liema sentenza hi definittiva u ma tistax tigi mibdula.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 t'Ottubru, 2004, li biha, wara li rat l-artikoli kollha fuq imsemmija w ukoll r-Regolament 25 ta' l-Avviz Legali 146/93, l-Artikolu 17 u 31 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 28A tac-citat Kap. 9, ikkundannatu ghal tlett xhur prigunerija, w wara li rat l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 ordnat li t-tmintax il-xahar prigunerija inflittu lilu minn dina l-Qorti diversament preseduta jidbew fis-sehh.

Oltre dan u wara li rat l-Artikolu 25 tal-Avviz Legali 146/93 u l-Artikolu 23 tal-Kap. 9, ordnat il-konfiska ta' l-ispeed boat u l-karkassi tal-ghasafar u ssospendiet il-licenzji kollha tal-kacca ta' kull imputat sija jekk tal-art jew tal-bahar ghal perjodu ta' hames snin. Dwar l-armi rriservat li tipprovdi dwar il-konfiska jew altrimenti fuq rikors appositu.

Rat ir-rikors tal-appellant Jason Spagnol minnu pprezentat fit-22 t'Ottubru, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi (1) thassaraha fil-parti tal-piena u fil-parti tas-sospensjoni tal-licenzja, u minflok tigi mposta piena u/jew sanzjoni aktar ekwa w skond il-ligi w (2) tikkonfermaha fil-bqija.

Fliet l-atti kollha processwali.
**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- 1 li f' mument partikolari tal-proceduri fil-prim' istanza, twieled intendiment li l-piena idonea kellha tkun wahda pekunjarja u fil-kaz tal-appellant is-sentenza sospiza ma tigix attivata izda estiza skond l-artikolu 28B (2) (b) u kien hawn li l-appellant kien irregistra ammissjoni , ghalkemm hu ma kienx ser jikkontesta l-fatti principali kif migjuba kontra tieghu . Minnhabba li kien dizokkupat dak iz-zmien u ma kellux direzzjoni tajba, effettivament spicca jinhela fil-kacca illegali. F' dan il-kuntest kienu jezistu l-estremi legittimi biex minnflok piena karcerarja jkun hemm piena pekunjarja; 2. Li l-Ewwel Qorti setghet invokat id-dispost tal-artikolu 28B (2) (b) tal-Kap.9 minnflok ordnat li s-sentenza sospiza tibda'**

**ssehh; 3. illi anki jekk il-piena ta’ tlitt xhur prigunerija kellha titqies bhala piena idoneja, kienet tkun aktar pozizzjoni ekwa kieku l-kwistjoni tas-sentenza sospiza giet trattata skond kif prevvist fl-imsemmi artikolu 28B (2) (b); 4. li minghajr pregudizzju , anki jekk il-piena ta’ tlitt xhur prigunerija kellha titqies wahda legittima w li ma hu hux meqjus legittimu li jigi applikat id-dispost tal-artikolu 28B (2) (b), il-piena li setghet tinghata lill-appellant hija piena wahda ta’ prigunerija w dana bl-applikazzjoni tal-artikolu 28E (2) tal-Kap.9 qabel ma dan is-subartikolu gie mhassar b’ effett mill-1 ta’ Mejju, 2002 (Art. 13 tal-Att III tal-2002) . Ghalhekk il-piena ghandha tkun dik ta’ tlitt xhur prigunerija u maghhom mizjuda sitt xhur rapprezentanti terz ta’ tmintax il-xahar – Artikolu 17 (b) tal-Kap. 9, ghax ghalkemm l-artikolu 28E (2) gie mhassar , dan jibqa’ japplika , trattandosi ta’ bdil fil-piena , bis-sahha ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 27 tal-Kap.9; 5. Li minghajr pregudizzju ghall-premess hu aggravat ukoll ghal dak li jirrigwarda s-sospensjoni tal-licenzji kollha tal-kacca ghall-periodu ta’ hames snin.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta’ Novembru, 2004 , li bih il-prosekuzzjoni w d-difiza qablu li l-provi fl-appell odjern u dawk fi-appell numru 217/2004 jinstemghu kontestwalment u jkunu applikabbli fiz-zewg kawzi;**

**Semghet ix-xhieda tal-Ispettur Alexander Miruzzi;**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

Illi l-ewwel aggravju hu bazat fuq l-allegazzjoni li quddiem l-Ewwel Qorti kien intlahaq intendiment li kellha tigi inflitta piena pekunjarja w li s-sentenza sospiza kellha tigi estiza.

Dwar din l-allegazzjoni gie prodott l-Ispettur Alexander Miruzzi li xehed li kien jiftakar li hu, Dr. Herrera w Dr. Ian Farrugia kienu dahlu fis-Sigrieta tal-Magistrat Micallef Trigona w tkellmu fuq il-possibbilta' t' ammissjoni u fuq piena relattiva. Ftakar ukoll li l-Magistrat stess kien issuggerixxa li fir-rigward tal-appellant l-iehor Mario Spagnol il-piena kellha tkun wahda pekunjarja bejn hames mija w elf lira u mhux wahda karcerarja. Kien l-istess Magistrat li baghat ghalihom fis-sigrieta. Kien umbaghad fis-seduta ta' wara li l-appellant l-iehor Mario Spagnol ammetta.

**L-ispettur zied jghid pero' li fir-rigward tal-appellant odjern Jason Spagnol, meta Dr. Ian Farrugia kien tkellem mall-Magistrat fuq piena pekunjarja , hu kien spjega lill-avukat li l-appellant kellu recidiva daqxejn izjed serja u li kien hemm dik il-problema w d-diskursata minn-naha tieghu , waqfet hemm . F'dal-kaz ghalhekk ma kien hemm ebda ftehim u hu kien halla f' idejn il-Magistrat u ma qaghadx jidhol fiha w dan ukoll minnhabba n-natura differenti tal-akkuzi fil-konfront tat-tlieta .**

**Ikkonsidrat;**

**Issa apparti li fir-rigward tal-appellant odjern, mix-xhieda tal-Ispettur Miruzzi ma jirrizultax li kien ntlahaq xi ftehiom dwar piena bejn l-ufficjal prosekutur w d-difiza tal-appellant , anzi jidher li l-Ispettur kien issenjala l-problema tar-recidiva li kellu l-appellant u apparti l-fatt li l-istess appellant fir-rikors tieghu xorta ddikjara li f' kull kaz ma kienx ser jikkontesta l-fatti migjuba kontra tieghu w ghalhekk f' dan il-kaz non si tratta ta' xi ammissjoni karpita b' xi malintiz dwar "*plea bargaining*" , din il-Qorti thoss li ghandha tesprimi ruha xorta wahda dwar l-applikabilita' tal-procedura relattivament gdida tal-*"plea bargaining"* quddiem il-Qrati tal-Magistrati, biex jigu evitati vertenzi u appelli b'aggravji ta' din ix-xorta.**

**Illi dan il-kuncett ta' patteggjament dwar il-piena , sia pure' seta' kien fil-prattika dejjem adoperat b' mod**

**informali kemm fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll quddiem il-Qorti Kriminali , ddahhal ghall-ewwel darba b' forma istituzzjonalizzata fil-ligi penali taghna bl-artikolu gdid 453A, introdott bl-Att III tas-sena 2002 u emendat bl-Att XIII tas-sena 2002. Dan l-artikolu jifforma parti mit-Taqsim I tat-Tieni Ktieb , Titolu IV, :** "Fuq il-Qorti Kriminali" **. Bhala rizultat ta' dan l-artikolu gdid b' effett minn Ottubru, 2003, sar possibbli li, qabel mal-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija jekk hux hati jew mhux hati quddiem il-Qorti Kriminali, l-akkuzat u l-Avukat Generali jitolbu lil dik il-Qorti li, fil-kaz ta' ammissjoni, tapplika sanzjoni jew mizura jew kombinazzjoni ta' sanzjonjiet jew mizuri tax-xorta u l-kwantita' miftehma bejnithom. Jekk il-Qorti Kriminali tkun sodisfatta li s-sanzjoni jew mizura jew sanzjonijiet jew mizuri mitluba jkunu tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reat jew reati li dwaru jew dwarhom l-akkuzat ikun ammetta l-htija, u ma jkollhiex ghaliex tordna li jsir il-guri tal-kaz jew ghal xi raguni ohra tichad it-talba, wara li tispjega lill-akkuzat bi kliem car x' ikunu l-konsegwenzi tat-talba tieghu, l-Qorti Kriminali, meta ssir l-ammissjoni ta' htija ta' l-akkuzat, tghaddi biex taghti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet. Umbaghad tiddikjara fid-decizjoni taghha li s-sentenza li tkun qeghdha tinghata tkun qeghda hekk tigi moghtija fuq talba tal-partijiet.**

**Fil-prattika kemm ilha li dahlet in vigore din id-dispozizzjoni gdida, il-Qorti Kriminali qed tirrikjedi li it-talba ssir bil-miktub permezz ta' rikors jew nota kemm jista' jkun minn qabel u possibilment qabel id-data appuntata ghas-smiegh tal-kawza w li kull diskussjoni dwar it-talba issir "**in open court**" , biex titnehha kull ombra ta' suspett li l-affarijiet mhux qed isiru fid-deher u kif suppost u biex jigi eliminat kull suspett t' abbuz possibbli li wiehed facilment jista' jimmagina li jista' jigi eskogitat mill-partijiet involuti, jew xi hadd minnhom. Hu mahsub li fejn il-Qorti Kriminali ma tkunx taqbel mas-sanzjoni jew mizura**

**miftehma , li ukoll** “in open court” **tiddikjara li f’ dak l-istadju il-Qorti ma tistax taderixxi ghat-talba.**

**L-artikolu 392A (5) umbaghad jestendi l-applikazzjoni tal-artikolu 453A fuq imsemmi ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istrutorja qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija hux hati jew mhux hati, pero’ f’ dan il-kaz irid jidher l-Avukat Generali quddiem dik il-Qorti u n-nota ssir mill-Avukat Generali u mill-imputat flimkien u li jkun fiha l-ftehim milhuq kif provdut fl-artikolu 453A tkun bizzejjed ghal dan il-ghan.**

**Illi fl-assenza ta’ dispozizzjoni “ad hoc” li tkun tapplika ghall-Qrati ohra ta’ gudikatura kriminali , ma jidhirx li dan l-istitut japplikja ghalihom ukoll. Ghalhekk , ghalkemm mhux eskluz li anki quddiem dawn il-Qrati il-Prosekuzzjoni w d-difiza jistghu jkunu konkordi fuq sanzjoni jew mizura li ghandha tigi applikata f’ kaz ta’ ammissjoni ta’ htija, dan ikun irid jingieb ghall-attenzjoni ta’ dik il-Qorti , kif ghandha tingieb kull sottomissjoni quddiem Qorti u cioe’ jew bil-fomm waqt l-udjenza “**in open court” **jew per mezz ta’ xi att gudizzjarju bhal nota konguntiva, jew rikors konguntiv tal-partijiet debitamentipprezentat fir-registru skond kif titlob il-ligi jew seduta stante.**

**Isegwi mill-fatt li l-fehma tal-partijiet dwar il-piena ghandha tingieb jew fl-udjenza** “in open court” **jew permezz ta’ att gudizzjarju konguntiv, li l-gudikant** ma ghandu qatt jiddiskuti mad-difensur ta’ parti jew ohra, jew mad-difensuri taz-zewg partijiet, kameralment il-piena li tkun qed tintalab jew li dwarha l-partijiet ikun qed jippatteggjaw jew jippruvaw jippattegjaw**. Fis-sistema taghna, kemm qabel ma l-patteggjament gie istituzzjonalizzat kif aktar ‘l fuq inghad, kif ukoll illum, il-gudkant ma jiehu ebda parti f’tali patteggjament hlief li, fit-termini tal-Artikolu 453A imsemmi, jiddikjara fil-qorti bil-miftugh jekk jaqbilx mas-sanzjoni jew mizura jew kombinazzjoni taghhom li jkunu qed jigu proposti mill-partijiet. U b’mod partikolari fejn ma japplikax formalment l-Artikolu**

**453A – jigifieri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali – jekk isiru xi sottomissjonijiet minn parti jew ohra (dejjem fil-qorti bil-miftugh) dwar il-piena minhabba possibilita` ta' ammissjoni,** l-gudikant ma ghandu qatt jindika x'sentenza jkollu f'mohhu li jaghti f'kaz li jkun hemm ammissjoni**, salv ghal eccezzjoni wahda, u cioe` li gudikant jista' jindika li sia jekk ikun hemm ammissjoni w sia jekk le, s-sentenza fi kwalunkwe kaz ser tiehu <u>forma</u> partikolari (per ez. piena karcerarja, jew *probation* jew *conditional discharge*). Din ir-regola, bl-eccezzjoni ghaliha, giet l-ewwel darba formulata minn Lord Chief Justice Parker fil-kaz** *R. v. Turner* **(1970) 54 Cr.App.R. 352, u llum giet konsolidata f'ewwel parti tal-paragrafu 45.4 tal-***Practice Direction (Criminal Proceedings: Consolidation) [2002] 1 WLR 2870* **li tghid hekk: *"The judge should, subject to one exception, never indicate the sentence which he is minded to impose. The exception is that it is permissible for a judge to say, if it be the case, that, whatever happens, whether the accused pleads guilty or not guilty, the sentence will or will not take a particular form…"*. Fejn din ir-regola ta' buon sens ma gietx osservata, inqalghu problemi. Hekk, per ezempju, fil-kaz** *R. v. Atkinson* **(1977) 67 Cr.App.R. 200 Lord Scarman qal hekk:**

"It is to be observed, greatly to his credit, that everything the judge did in the present case he did in open court in full view of the public. But unfortunately what he did could very well give the impression to this appellant, as well as to other defendants, that there was a bargain: if you plead guilty one result; if you plead not guilty another. Some, including the accused, might well think pressure was being exerted on him to plead guilty. It is that which is so damaging to the face of justice…" **(ara** *Stockdale and Devlin on Sentencing*, **Waterlow Publishers (London) 1987, pp. 45-46).**

**Kull partenza minn dawn il-linji gwida trasparenti fuq indikati jista' johloq komplikazzjonijiet ghad-debita amministrazzjoni tal-gustizzja w jirriskja li johloq dubji , konflitti , suspetti t' abbuzi jew addirittura abbuzi .**

**Ghalhekk zgur li mhu xejn rakkomandabbli li jsiru inkontri "*in camera*" bejn xi parti jew iz-zewg partijiet u l-gudikant bil-ghan li jsiru patteggjamenti dwar il-piena.**

**Altrimenti, peress li ma jkun hemm ebda "*record*" preciz ta' dak li jkun intqal jew ma ntqalx, dak li jkun gie miftiehem jew sottintiz jew forsi fra-intiz , tinholoq problema biex wiehed jistabilixxi ezatt x' ikun intqal, gie miftiehem jew mahsub li gie miftiehem. U peress li "*quod non est in actis , non est in mundo*" , qorti ta' revizjoni rinfaccata b' kwistjoni dwar xi intendiment o meno li seta' ntlahaq jew ma ntlahaqx tkun priva mill-fatti certi li fuqhom tista' tigi msejjha biex tiddeciedi.**

**Ghalhekk , fil-fehma ta' din il-Qorti , kull trattattiva dwar il-piena quddiem il-Qrati l-ohra ta' gurisdizzjoni kriminali li mhumiex il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja , trid issir jew** in open court **u/jew** per mezz ta' atti gudizzjarji registrati **w meta ma jsirx dan , ebda parti ma ghandha mbaghad tilmenta minn xi sorpriza jew addirittura minn xi ngustizzja quddiem Qorti ta' revizjoni.**

Galadarba f' dan il-kaz , dan ma giex segwit, din il-Qorti ma tista' tiehu ebda konjizzjoni ta' dak li gara u ma garax fis-sigrieta tal-Magistrat u li dwaru ma hemm xejn registrat fl-atti processwali. Ghalhekk taht dan l- aspett l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi respint.

Pero' fl-ewwel aggravju jissemmew konsiderazzjonijiet ohra ghala l-Ewwel Qorti ma messiehx applikat piena karcerarja u fost dawn issemmew il-fatti li l-appellant jahdem , ghandu relazzjoni ma tfajla u qed jikkonsidraw li jizzewgu , li hu iddispjacih tal-hsara li ghamel u ghall-konsegwenzi ta' eghmilu.

**Illi f'kull kaz il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. David

Vella” **[14.6.1999] , “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina” **[24.4.2003] u ohrajn.) F’dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi .**

Illi dawn il-konsiderazzjonijiet fuq esposti ghalkemm lodevoli fihom innifishom , jekk huma veri , bl-ebda mod ma jwasslu lil din il-Qorti biex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena. Jidher mill-fedina penali aggornata tal-appellant li din mhux l-ewwel darba li habat difrejh mal-ligi. Apparti li fis-6 t’ Ottubru, 2000, hu kien instab hati li ssekwestra persuna kontra l-volonta’ taghha bl-aggravanti ta’ feriti u theddid bil-mewt ,li zamm arma tan-nar minghajr licenzja w waqt il-kommissjoni ta’ delitt u kien gie kundannat ghall-piena ta’ tmintax il-xahar prigunerija sospiza ghal tlitt snin u mmultat, f’ Gunju, 2002 rega’ nstab hati li kkaguna danni volontarji b’ arma tan-nar li hu kien igorr bla licenzja w kkundannat sentejn prigunerija . Dan ma kienx bizzejjed ghax fil-11 ta’ Novembru, 2002 rega kien kundannat talli go Marsaskala , kien ikkaccja bla licenzja , b’arma bla licenzja mill-Kummissarju , li naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi ta’ persuna nkarikata minn servizz pubbliku w li kellu fil-pussess tieghu ghasafar protetti. Hawn il-Qorti regghet hennet ghall-appellant u ikkundannatu ghal LM100 multa w ssospendietu mil-licenzji tieghu tal-kacca ghal hames snin u kkundannatu ghall-tmintax il-xahar habs sospizi ghall-erba snin.

Fid-dawl ta’ din il-fedina penali refrattarja wiehed jifhem ghala l-Ewwel Qorti hasset li kellha timxi mall-appellant bil-mod li mxiet u ghalhekk ghal dawn il-konsiderazzjonijiet biss din il-Qorti ma tarax raguni ghala ghandha tilqa’ dan l-aspett tal-ewwel aggravju w t-tieni w t-tielet aggravji li kollha jirrigwardaw il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti fl-aspett diskrezzjonali taghha , partikolarment jekk kellhiex testendi jew ma testendix l-effetti tas-sentenza ta’ prigunerija sospiza precedenti , haga li hija ghal kollox diskrezzjonali f’idejn l-Ewwel Qorti. Inoltre dawn ix-xorta ta’ reati li jolqtu l-ambjent li nghixu fih lkoll kemm ahna w partikolarment is-sopravvivenza ta’ specji protetti ta’ annimali, ghasafar u tjur, jinhtieg li jigu

trattati mill-Qrati  bis-serjeta’ w gravita’ li l-ligijiet tal-pajjiz iridu.

Illi fir-raba aggravju tieghu l-appellant jargumenta li anki jekk il-piena ta’ tlitt xhur prigunerija kellha titqies ekwa ghar-reati minnu ammessi f’ din il-kawza u anki jekk kellha tigi attivata s-sentenza sospiza ta’ tmintax il-xahar prigunerija li l-appellant kien inghata fis-6 t’ Ottubru, 2000, kellu se mai jinghata piena ta’ prigunerija wahda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28E (2) tal-Kodici Kriminali , kif kien qabel ma gie mhassar b’effett mill-1 ta’ Mejju, 2002. Dan ghaliex skond l-appellant l-artikolu 28E (2) kien jibqa’ applikabbli fil-kaz odjern skond l-artikolu 27 tal-Kodici Kriminali, stante li l-abrogazzjoni tieghu kienet tipprovdi ghal bdil fil-piena. L-appellant jiccita favur tieghu s-sentenza ta’ din il-Qorti diversament preseduta “**Il-Pulizija vs. Mark Mifsud**” [6.12.2002].

Dan l-aggravju jidher li hu gustifikat u jekk wiehed jimxi fuq l-iskorta tas-sentenza citata mill-appellant, tkun allura applikabbli piena karcerarja wahda bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 (b) tal-Kodici Kriminali ghal dak li hu konkors tal-pieni . Dan is-sub-inciz jiddisponi li persuna hatja ta’ zewg delitti jew izjed li jaqghu taht pieni li jnaqqsu ghal zmien il-liberta’ personali , tigi kundannata ghall-piena tar-reat l-aktar gravi biz-zieda minn terz san-nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra mehudin flimkien .

Issa fil-kaz in ezami r-reati l-aktar gravi kien jew kienu fost dawk li ghalihom l-appellant kien inghata sentenza ta’ prigunerija sospiza fis-6 t’ Ottubru, 2000. Di fatti r-reat ta’ sekwestru tal-persuna aggravat b’offizi fuq il-persuna w theddid bil-mewt skond l-artikoli 86 u 87 (1) ( c ) huwa punibbli bi prigunerija minn tlettax il-xahar sa tlitt snin. Umbaghad l-appellant kien ukoll instab hati ta’ vjolenza kontra l-privat fejn skond l-artikoli 250 u 251 (1) il-piena hija dik ta’ prigunerija minn hames xhur sa tmintax il-xahar. Instab hati wkoll ta’ griehi hfief skond l-artikoli 214,215 u 221 tal-Kodici Kriminali fejn il-piena hija prigunerija ghal mhux izjed minn tlitt xhur jew il-multa. Kien ukoll instab hati li zamm arma tan-nar u munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija bi ksur tal-

artikolu 3 tal-Kap. 66 fejn il-piena tista' tvarja bejn minimu ta' tlitt xhur prigunerija w massimu ta' tlitt snin jew minimu ta' multa w massimu ta' prigunerija ghal tlitt xhur jew multa w prigunerija flimkien, skond ic-cirkostanzi. Finalment kien instab hati wkoll li fil-hinijiet li ghamel delitt kontra l-persuna kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar bi ksur tal-artikolu 26 tal-Kap.66 fejn il-piena hija dik ta' prigunerija ghal mhux izjed minn sentejn. Minn dawn ir-reati kollha l-aktar gravi hu indubbjament dak ta' sekwestru tal-persuna aggravat li ghandu piena minima ta' tlittax il-xahar u massimu ta' tlitt snin prigunerija. Ir-reati li taghhom hu akkuzat l-appellant fil-kawza odjerna , anki jekk fil-kaz tal-imputazzjoni numru hdax (11), jistghu jilhqu dar-reat fil-massimu ta' tlitt snin prigunerija piena skond l-art. 3 tal-Kap.66 , ghandhom piena li fil-minimu hija ferm inqas minn dik tas-sekwestru aggravat li hija ta' tlitttax il-xahar.

Ghalhekk ghalkemm l-appellant ghandu ragun f' dan l-ahhar aggravju tieghu, l-konkors tal-pieni bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 (b) tal-Kodici Kriminali li hu qed jinvoka ma jistax jigi applikat kif qed jitlob hu imma billi mall-piena li hu diga wehel ta' tmintax il-xahar prigunerija ghar-reati l-aktar gravi li taghhom instab hati bis-sentenza tas-6 t' Ottubru, 2000 w li issa qed tigi attivata, jizdied bejn terz u n-nofs tal-pieni ghar-reati mertu ta' din il-kawza u li ghalihom l-Ewwel Qorti kkundannatu ghal tlitt xhur prigunerija.

Issa irid ukoll jigi osservat li ghal kull wahda mill-ewwel tmin imputazzjonijiet u ghall-ghaxar imputazzjoni l-appellant, bhala persuna hatja tat-tieni reat jew ghal kull reat iehor sussegwenti kontra r-regolamenti kontenuti fl-Avviz Legali 146 tal-1993, kif emendat , seta' wehel piena ta' multa ta' mhux aktar minn elf lira Maltija , jew prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u prigunerija flimkien. Ghall-hdax il-imputazzjoni seta' wehel ukoll massimu ta' piena ta' sentejn prigunerija. Issa anki jekk wiehed kellu jqis xi assorbiment li jissemma espressament fis-sentenza appellata u li seta' kien hemm kemm minhabba l-konkors formali tar-reati jew minnhabba l-applikazzjoni tal-artikolu 17 (h) kif ukoll minhabba l-applikazzjoni tal-artikolu 17 (b)

tal-Kodici Kriminali, hu ovvju li l-piena ta' tlitt xhur prigunerija ghar-reati mertu ta' din il-kawza kienet wahda miti ferm fic-cirkostanzi. Dan irid jittiehed in konsiderazzjoni fl-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) bejn il-piena ghar-reati mertu ta' din il-kawza w l-piena ghar-reati li taghhom instab hati fis-sentenza sospiza li giet attivata mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata , billi tirrevokaha fejn ikkunndannat lill-appellant Jason Spagnol ghal tlitt xhur prigunerija w ordnat li t-tmintax il-xahar prigunerija sospiza nflitta fuqu jibdew isehhu w minnflok , wara li rat l-artikoli 28B, 28E (2) (kif jien qabel ma gie mhassar) u 17 (b) tal-Kodici Kriminali, u wara li tordna li s-sentenza tas-6 t' Ottubru, 2000 kontra l-appellant tigi attivata , tikkundanna lill-appellant ghall-zmien wiehed ta' prigunerija ta' dsatax il-xahar u hmistax il-jum prigunerija w tikkonfermaha fl-intier taghha ghall-kumplament dejjem ghal dak li jirrigwarda biss lill-appellant odjern Jason Spagnol.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------